CittaNotabile

# Minuti tal-laqgha numru 35 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 14 ta' Jannar 2016 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter SantManduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Skuzata |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Presenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| SegEzekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

**Is- SE ġie infurmat mill-Kunsilliera s- Sinjura Jane Attard li ma setatx tattendi l-laqgħa peress li kienet tinsab indisposta għax ma tiflaħx.**

**35.1** **Approvazzjoni tal-Minuti**

35.1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 34 gew approvati

**35.2** **Korrispondenza**

35.2.1 Ittra mid-DLG fejn infumawna li jekk ser tinħareġ tender għal latrina pubblika, din trid tinħareġ għal sena biss peress il-Gvern għaddej b' proċess li dawn it-tip ta' latrini pubbliċi jingħataw lill-privat u jiġu amministrati minnhom.

35.2.2 Talba mix- Xara Palace biex jitfa xi mwejjed barra minħabba xi attivita. Il-Kunsill infurmah li jista' jinħariġlu permess biss jekk, jitfa tnejn quddiem ix-Xara Hotel u tnejn quddiem Palazzo Depiro.

35.2.3 Il-Kunsill irċieva ilment biex isir refreshing tal-linji quddiem ir-Roman Villa tad-disabled parking bay u titwaħħal tabella tad-disabled. Il-Kunsill approva.

35.2.4 MEMO mid- DLG fejn qed joffri lill-Kunsill żewġ *wifi access points* b'xejn. Il-Kunsill ddeċieda li titwaħħal wifi access fi Pjazza San Pawl u Bastjon Square.

35.2.5 Ittra mis- Sur Stephen Attard rigward l-avveniment Holy Week Mdina, wirja ta' vari. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni pero' ma jistax iħallas għal spejjez dovuti. Il-Kunsill pero' qed joffrilu s-sala tal-kunsill b'xejn bħala għajnuna.

35.2.6 Is- SE poġġa fuq il-mejda kopja tar-rapport tal-NAO għas- sena finanzjarja 2014. Kopja ngħatat lil kull Kunsillier.

35.2.7 Ittra mill-Enemalta fuq proċeduri ġodda għal applikazzjoni ta' lampi ġodda.

35.2.8 Talba minghand l-Art Club tal-Mellieha sabiex ghal darba ohra juzaw is- sala tal-Kunsill mid- 9 ta' Ġunju sal- 24 ta' Gunju għal-ezebizzjoni tal-Arti. Il-Kunsill ser jitlob is- somma ta' € 200 bħala spejjez amministrattivi.

## 35.3 **Performance Bonus tas- SE u Ħaddiema Klerikali**

35.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2015 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, s-Sinjur Paul Spiteri kif ukoll tas- Sur Mark Mallia li ħa post is-Sur Spiteri fl-ewwel ta' Diċembru. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament approva performance bonus ta' 10% tas-salarju tas- Sur Spiteri u 5% tas-Sur Mallia.

35,3,2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2015 fir-rigward tal-impjegata tal-Kunsill, s-Sinjura Claire Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li s-Sna Sultana tingħata performance bonus ta'6% tas-salaru tagħha.

## 35.4 **Bagit 2016**

35.4.1 L-Estimi *draft* emendati għas-sena finanzjarja 2016 tqegħdu fuq il -mejda tal-Kunsill mis-Sindku (mehmuża). Is-somma allokata mill-Gvern Ċentrali hi ta' € 194,404.

35.4.2 Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera fuq kif jistgħu jiġu dedikati f'fondi u s-SE ser jipprezenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti biex tiġi approvata u ffirmata waqt il-laqgħa li jmiss.

## 35.5 **Hruġ ta' Tenders**

35.5.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li nhar it- Tlieta 19ta' Jannar 2016 ser jinħarġu t-tenders għal- Manutenzjoni, Tindif u Tisbieħ għal Howard Gardens u z-zoni ta' madwaru kif ukoll it-Tender tat-Tindif tat-Toroq ġewwa l-Imdina u l-outskirts tagħha. Dawn it-Tenders jagħlqu nhar it- Tnejn 22 ta' Frar 2016.

**36.6 Mdina Medieval Festival**

36.6.1 Il-Kunsill ser jorganizza din l-attivita' nhar is- Sibt, 23 u l-Ħadd 24 ta'April 2016. Is-Sindku PSM talab lis- SE biex jibdew jitħejjew il-preparamenti għal dan l-avveniment.

36.6.1 Is- Sindku PSM fakkar li fis-snin li għaddew intefqu aktar flus milli ġew allokati fondi mill-Gvern Ċentrali u zgur li għal din is-sena mhux ser terġa tirrepeti ruha u naħdmu biss b'dak li jagħtina l-Gvern. Huwa infurma lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 5 ta' Frar għandu laqgħa mal-Bord tal-Kultura fi ħdan id- Dipartiment għall- Gvern Ċentrali u ser jitlob għal aktar fondi jekk irridu li jkollna festival ta' kwalita aħjar mis-sena l-oħra.

**36.7 Ħarġa Kulturali**

36.7.1 Il-Kunsill ddeċieda li l-ħarġa kulturali li jmiss issir nhar is- Sibt, 6 ta' Frar u ser imorru jzuru Sant'Iermu u wara coffee break ġewwa Malta Experience Cafetterijia. Il- Prezz ser ikun ta' € 7 u t-trasport ser jitħallas mill-Kunsill.

**36.8 Approvazzjoni ta' Ħlasijiet**

36.8.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-7 ta' Jannar 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 37,616.41. Il-hlasijiet dovuti ġew approvati mill-Kunsill.

**36.9 Affarijiet oħra meqjusa urġenti**

36.9.1 Is- Sindku PSM infurma lill-Kunsill li sewr jitqabbad *handyman* u jitħallas bis-siegħa biex jagħmel xogħolijiet żgħar li jinqalaw maz-zmien.

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, il-laqgħa ġiet aġġornata għal 17 ta' Frar 2016.

| | |
|---|---|
| __________________ | ________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |